**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għall-Affarijiet Legali*

**(10/2015)**[1]

24.6.2024

# AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Linji gwida għall-applikazzjoni tal-Artikolu 155 tar-Regoli ta' Proċedura**

– Wara li kkunsidra l-Artikolu 155 tar-Regoli ta' Proċedura,

– Wara li kkunsidra l-Artikoli 263, 265, 267 u 277 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– Wara li kkunsidra l-Artikoli 23, 24, 40 u 62a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali approva l-linji gwida li ġejjin fl-24 ta' Frar 2015:

<u>Proċedura</u>

1. Għal kull perjodu ta' 6 xhur, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jaħtar rapporteur permanenti biex jittratta t-tilwim.

2. Is-Segretarjat iżomm lir-rapporteur permanenti infurmat dwar il-kwistjonijiet kollha li jirrelataw mat-tilwim. Jistgħu jitqajmu każijiet mis-Servizz Legali jew minn kumitat ieħor, iżda s-Segretarjat jista' wkoll jiddeċiedi li jressaq kwistjoni għall-attenzjoni tar-rapporteur permanenti fuq inizjattiva proprja. Meta jitqajmu każijiet minn kumitat ieħor, it-talba minn dak il-kumitat lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali biex tinħareġ rakkomandazzjoni għandha tkun akkumpanjata mill-opinjoni rilevanti tas-Servizz Legali li abbażi tagħha dak il-kumitat iddeċieda li jagħmel it-talba tiegħu.

3. Ir-rapporteur permanenti jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu abbażi ta' nota mis-Segretarjat u/jew mis-Servizz Legali.

[1] Kif emendat l-aħħar mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali fis-26 ta' Mejju 2021.

4. Fil-kwistjonijiet kollha li jikkonċernaw tilwim, il-kumitat jivvota bil-magħluq, abbażi tar-rakkomandazzjoni tar-rapporteur. Kwalunkwe membru jista' jitlob lis-Servizz Legali spjegazzjonijiet orali fuq każ partikolari qabel ma l-kumitat jipproċedi għall-vot.

5. F'każijiet li fihom id-data ta' skadenza stabbilita mill-qorti jew mit-Trattati ma tippermettix li tiġi segwita l-proċedura t'hawn fuq, tista' tiġi adottata deċiżjoni permezz ta' proċedura bil-miktub. Il-kwistjoni għandha mbagħad titressaq fil-laqgħa li jmiss tal-kumitat biex tiġi jew ma tiġix ratifikata.

6. F'każijiet urġenti li fihom il-President tal-Parlament jaġixxi waħdu, huwa jista' jikkonsulta mal-President tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali jew mar-rapporteur permanenti, skont id-disponibbiltà.

7. Meta jagħmlu rakkomandazzjonijiet u jieħdu deċiżjonijiet, ir-rapporteur permanenti u l-kumitat iqisu l-linji gwida li ġejjin.

Rikorsi għal annullament

8. Il-Parlament għandu dritt jippreżenta rikors għall-annullament ta' atti legali adottati minn istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħrajn tal-Unjoni maħsuba li joħolqu effetti legali fir-rigward ta' terzi għal raġunijiet ta' nuqqas ta' kompetenza, ksur ta' rekwiżit proċedurali essenzjali, ksur tat-Trattati jew kwalunkwe regola tal-liġi relatata mal-applikazzjoni tagħhom, jew abbuż ta' poter.

9. B'mod partikolari, il-Parlament għandu jippreżenta rikors meta l-Kunsill jadotta att b'mod abbużiv mingħajr ma jiddeċiedi flimkien mal-Parlament, jew jitlob l-approvazzjoni tiegħu, kif meħtieġ mill-bażi legali rilevanti. L-istess japplika meta l-Kunsill ma kienx konformi ma' rekwiżit proċedurali essenzjali li jinvolvi lill-Parlament, bħal konsultazzjoni jew konsultazzjoni mill-ġdid, jew li l-Parlament jinżamm infurmat kif xieraq.

10. Bl-istess mod, il-Parlament għandu jippreżenta dan ir-rikors kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li mhumiex konformi mad-delega rilevanti tas-setgħa leġiżlattiva jew tas-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni.

Rikors għal nuqqas ta' aġir

11. Il-Parlament għandu jippreżenta rikors għal nuqqas ta' aġir fil-preżenza ta' ksur ċar tal-obbligi stabbiliti f'atti adottati jew koadottati mill-Parlament.

Intervent f'rikorsi diretti fejn il-Parlament mhuwiex parti

12. Meta l-validità ta' att adottat jew koadottat mill-Parlament hija involuta, il-Parlament għandu jintervjeni biex jiddefendi din il-validità.

13. Meta l-validità ta' att adottat jew koadottat mill-Parlament mhijiex involuta, il-Parlament ma għandux jintervjeni, sakemm il-każ ma jqajjimx kwistjonijiet legali importanti li huma rilevanti wkoll għall-Parlament.

14. Madankollu, meta att ikun ġie adottat bl-approvazzjoni tal-Parlament, il-Kumitat jista'

jiddeċiedi fuq bażi ta' każ b'każ jekk l-intervent għad-difiża tal-validità ta' dak l-att huwiex ġustifikat.

15. Il-Parlament għandu jintervjeni f'rikors għal nuqqas ta' aġir fil-preżenza ta' ksur ċar tal-obbligi stabbiliti f'atti adottati jew koadottati mill-Parlament.

Sottomissjoni ta' osservazzjonijiet fi proċedimenti għal deċiżjoni preliminari

16. Meta l-validità ta' att adottat jew koadottat mill-Parlament hija involuta, kemm jekk weħidha kif ukoll flimkien ma' kwistjonijiet ta' interpretazzjoni, il-Parlament għandu jippreżenta osservazzjonijiet għad-difiża ta' dik il-validità.

17. Meta hija involuta biss l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni, il-Parlament ma għandux jippreżenta osservazzjonijiet.

Rikorsi b'appoġġ għall-Membri tal-Parlament Ewropew jew għall-membri tal-persunal

18. Il-Parlament ma għandux jintervjeni jew jippreżenta osservazzjonijiet b'appoġġ għall-interessi ta' Membri individwali tal-Parlament Ewropew jew ta' membri tal-persunal sakemm il-każ ma jkollux rabta ċara mal-istituzzjoni.

Rikorsi fl-interess ta' ċittadini privati

19. Mingħajr preġudizzju għall-punt 13, il-Parlament ma għandu jieħu l-ebda azzjoni b'appoġġ għall-interessi ta' ċittadini privati.

Sottomissjoni ta' osservazzjonijiet fi proċeduri oħra

20. Meta l-Qorti tal-Ġustizzja tikteb lill-Parlament skont l-Artikolu 24 tal-istatut tagħha fejn titlob informazzjoni, skont l-Artikolu 62a tal-istatut tagħha fejn tinnotifika lill-Parlament bi proċedura ta' eżami mill-ġdid, jew skont l-Artikolu 196(3) tar-Regoli ta' Proċedura tagħha fejn tistieden lill-Parlament jissottometti osservazzjonijiet dwar talba għal opinjoni magħmula f'konformità mal-Artikolu 218(11) tat-TFUE, il-Parlament għandu jirrispondi meta l-interessi tiegħu jkunu se jintlaqtu mill-eżitu tal-proċedura u jkollu pożizzjoni istituzzjonali ċara x'jiddikjara.

Dawn il-Linji gwida jissostitwixxu kwalunkwe linja gwida u avviż preċedenti li jikkonċernaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 155.